

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-istanza, b'applikazzjoni tal-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-garanziji proċedurali fil-qasam ta' investigazzjonijiet amministrattivi u dixxiplinari, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 84(1) u (3) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, tad-drittijiet relatati mal-perjodu ta' prova u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni konsegwenti tal-amministrazzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 84(2) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq talba għal kumpens speċjali sussegwentement għall-irregolaritajiet iċċitati iktar 'il fuq.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2019 — Martínez Albainox vs EUIPO — Taser International (TASER)

(Kawża T-341/19)

(2019/C 255/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Martínez Albainox, SL (Albacete, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Taser International, Inc. (Scottsdale, Arizona, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni "TASER" fil-kuluri iswed, isfar u aħmar — Trade mark tal-Unjoni Nru 12 817 052

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Marzu 2019 fil-Każ R 1577/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata li espressament tiddikjara l-validità tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Nru 12 817 052“TASER” għall-prodotti kollha rreġistrati taħt il-klassi 8;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, Taser International, Inc., għall-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk marbuta mal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2019 — Martínez Albainox vs EUIPO — Taser International (TASER)

(Kawża T-342/19)

(2019/C 255/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Martínez Albainox, SL (Albacete, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Taser International, Inc. (Scottsdale, Arizona, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “TASER” bil-kuluri iswed, isfar u aħmar — Trade mark tal-Unjoni Nru 11 710 134

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità